KAMRA TAD-DEPUTATI | MALTA | HOUSE OF REPRESENTATIVES

8 ta' Jannar 2018

Is-Sur Charles Deguara
Awditur Ġenerali
Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika
Floriana

Sur Deguara,

**TRASFERIMENT IRREGOLARI TAT-TMEXXIJA TA' SPTARIJIET PUBBLIĊI**

Nirreferi għat-talba li saret lill-Uffiċċju tiegħek dwar investigazzjoni marbuta mal-kuntratti ta' privatizzazzjoni ta' tliet sptarijiet pubbliċi mal-Vitals Global Healthcare Malta.

Huwa evidenti li s-settur tas-saħħa ta' pajjiżna qiegħed jiffaċċja imminar ta' governanza fejn issa min suppost intgħażel mill-Gvern biex imexxi dawn it-tliet sptarijiet pubbliċi għal 30 sena, għażel li jittrasferi l-konċessjoni lil terzi f'anqas minn 30 xahar. Dak li tħabbar fil-media u ftit wara kkonfermat mill-Gvern huwa materja li titlob verifika bir-reqqa min-naħa tal-Uffiċċju tiegħek, mhux lanqas minħabba l-mod xejn trasparenti li bih qiegħed jitmexxa dan il-proċess.

Għall-Oppożizzjoni huwa inkwetanti ħafna li s-servizzi tas-saħħa pubblika ta' dan il-pajjiż spiċċaw suġġett ta' negozzjar moħbi li jibdel l-idejn qisu xi munita f'xi suq. Minbarra tħassib serju proċedurali, l-Oppożizzjoni tqis dan l-għaġir bħala imminar tal-governanza ta' pajjiżna fejn is-servizz pubbliku tas-saħħa tagħna jiġi negozzjat bejn terzi persuni qisu xi komodità fuq xi suq. L-ebda stat li għandu anke l-iċken dinjità ma' jista' qatt jaċċetta sitwazzjonijiet bħal dawn.

Dan irid jiġi nkwadrat ukoll fid-dawl li f'Diċembru li għadda l-Parlament intalab japprova (kif fil-fatt għamel biss bis-saħħa numerika tal-Gvern) **żieda fl-allokazzjoni għall-ħlasijiet lill-Vitals taħt din il-konċessjoni ta' xejn anqas minn €17,840,000 (sbatax-il miljun tmien mija u erbgħin elf Ewro) li tirrappreżenta żieda ta' 108% tal-allokazzjoni oriġinali** approvata fil-Budget għas-sena 2017.

Dan kollu huwa inkwetanti ħafna aktar meta wieħed iqis li mhux biss it-termini kuntrattwali tal-ftehim oriġinali jibqgħu mistura (minħabba li l-Gvern għażel li jippubblika dokumenti bit-termini relevanti kollha ingassati bl-iswed) iżda issa anke t-termini ta' dan it-trasferiment prospettiv lanqas biss huma ppubblikati f'affront totali għat-trasparenza u l-governanza tajba. L-uniku ċertezza li teżisti hija dik li l-poplu ser jibqa' jħallas ammonti eżorbitanti sena wara l-oħra, b'din is-sena l-ammont stmat **jaqbeż il-€41,000,000.**

Kif m'għandi l-ebda dubbju li tapprezza d-deċiżjonijiet li qed jittieħdu qed jaffetwaw l-aktar aspett sensittiv tas-servizzi pubbliċi f'pajjiżna, ċioe' dawk tas-saħħa u għaldaqstant nappellalek biex tinvestiga dan it-traferiment prospettiv b'urġenza sabiex ma jiġix kompromess il-ġejjieni ta' dan il-qasam b'mod irreversibbli.

Insellu għalik,

**Onor. Beppe Fenech Adami** | **Onor. Kristy Debono** | **Onor. Claudio Grech**

Membri ta' l-Oppożizzjoni fuq il-Kumitat għall-Kontijiet Pubbliċi

CC: Speaker tal-Kamra tad-Deputati, Kumitat tal-Kontijiet Pubbliċi